MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 537/2003

**Joseph u Rita Colombo**

**Vs**

**Justin u Therese konjugi Tabone**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u hames mitt liri maltin (Lm3,500) dovuti lill-konvenuti b'self moghti lill-konvenuti skond kuntratt tas-27 ta' Marzu 2003 fl-atti tan-Nutar Tonio Cachia (Dok A).

Bl-imghaxijiet mit-30 t'April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru 2003.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-10 ta' Dicembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm3,500.00,0 bl-imghaxijiet legali bit-8% mit-30 ta' April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------